MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 1871/2005

Aldo Abela (Id 321160) ezercenti l-kummerc bl-isem ta' 'Aldo Woodworks'.

Vs

Edmond Frendo.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas tmien mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm826.00) konsistenti fis-segwenti: i. erba mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm432.00) rapprezentanti Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) mhux imhallsa fuq prezz ta' bieb maghmul mis-socjeta' attrici fuq ordni tal-konvenut; ii. disa u disghin lira Maltin (Lm99.00) rapprezentanti Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) mhux imhallsa fuq prezz ta' bieb u '*sidelight with double-sided panels'*, maghmul mis-socjeta' attrici fuq ordni tal-konvenut; iii. mitejn u hamsa u disghin lira Maltin (Lm295.00) rapprezentanti prezz inkluz Taxxa fuq il-Valur

Mizjud (VAT) ta’ *solid oak arch* maghmula mis-socjeta’ attrici fuq ordnijiet tal-konvenut. Bl-ispejjes u l-imghaxijiet kollha relattivi skond il-ligi.

Ra r-Risposta tal-konvenut li ecepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dan it-Tribunal ghas-segwenti ragunijiet: 1. Ebda hlas ma huwa dovut mill-konvenut lill-attur stante li l-pagament illi sar fil-11 ta’ Frar 2005 sar ghas-saldu tal-pretensjonijiet attrici kollha u kwindi ma ghad jonqos xejn dovut mill-konvenut; 2. minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u subordinarjament, ix-xoghol maghmul mill-attur ma giex maghmul skond is-sengha u l-arti u/jew mhux tal-kwalita’ pattwita; 3. illi inoltre, ghar-rigward tat-tielet talba ta’ l-attur (cioe it-talba ghall-hlas ta’ Lm295 rapprezentanti prezz, inkluz VAT ta’ *solid oak arch*, din m’ghandhiex tintlaqa’ mit-Tribunal stante illi din is-somma hija diga’ inkluza fost affarijiet ohra fil-fatturi esebiti ma l-avviz u kwindi kieku kellha tintlaqa l-imsemmija talba, l-attur ikun qed ihallas darbtejn ghall-istess xoghol. Bl-ispejjes kollha kontra l-attur ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-kontro talba tal-konvenut li biha huwa talab illi l-attur jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ disa mija u hamsin lira Maltin (Lm950), rapprezentanti danni sofferti u li sejrin jigu sofferti mill-konvenut minhabba nuqqasijiet varji, fosthom inadempjenza u dewmien ghal liema nuqqasijiet jahti biss l-istess attur u kwindi huwa responsabbli fil-konfront tal-konvenut ghall-istess danni. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet.

Sema’ x-xhieda tal-attur Aldo Abela.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut Edmond Frendo.

Sema’ x-xhieda ta’ Cherianne Frendo prodotta mill-konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ Jimmy Gauci prodott mill-konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ Vince Magri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti mill-partijiet fil-kawza odjerna, dan it-Tribunal ser jghaddi biex jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet fid-dawl tat-talbiet u tal-eccezzjonijiet tal-istess partijiet.

Fl-ewwel lok, l-attur qed jitlob minghand il-konvenut, il-hlas tas-somma ta’ tmien mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm826.00), liema somma tikkonsisti fi tlett ammonti separati, u cioe, (i) erba mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm432.00) rapprezentanti Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) mhux imhallsa fuq prezz ta’ bieb, (ii) disa u disghin lira Maltin (Lm99.00) rapprezentanti Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) mhux imhallsa fuq prezz ta’ bieb u ‘*sidelight with double-sided panels*’, u, (iii) mitejn u hamsa u disghin lira Maltin (Lm295.00) rapprezentanti prezz inkluz Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) ta’ *solid oak arch.*

Illi alavolja fl-eccezzjonijiet tieghu, l-konvenut jghid illi huwa m’ghandu jaghti xejn lill-attur ghaliex il-pagament li sar minnu fil-11 ta’ Frar 2005, sar a saldu tal-pretensjonijiet attrici kollha, l-istess konvenut fix-xhieda tieghu jammetti izjed minn darba, darbtejn, illi l-ewwel zewg ammonti ta’ VAT (u cioe Lm432 u Lm99) li qed jitlob l-attur huma fil-fatt dovut minnu. Il-konvenut spjega li ma kienx hallas dawn l-ammonti peress illi l-ewwel ried li l-attur jirrangalu xi difetti fix-xoghol li kien ghamel, u gjaladarba l-attur ma kienx mar ghandu biex jirranga dawn id-difetti, l-konvenut deherlu li kellu jzomm lura dan il-hlas ta’ VAT.

L-istess gie konfermat minn mart il-konvenut, Cherianne Frendo, meta xehedet testwalment hekk:- ‘*Ghalina ma*

*kenitx taghmel differenza nhallsux VAT jew le, u ahna zammejna dak l-ammont peress illi kien hemm id-difetti.'*

Illi ghalhekk, huwa ovvju li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Frendo ma tistax tigi milqugha minn dan it-Tribunal.

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu, l-konvenut ecepixxa illi x-xoghol tal-attur ma giex maghmul skond is-sengha u l-arti u/jew mhux tal-kwalita' pattwita. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jaghmel referenza ghall-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2007, fejn gie miftiehem illi l-partijiet kellhom jaghzlu flimkien espert fil-materja, u cioe persuna li jifhem sew fix-xoghol ta' '*carpentry*', sabiex dan jaccedi fuq il-post u jirrelata dwar ix-xoghol in kwistjoni. Gie miftiehem ukoll bejn il-partijiet illi l-konkluzzjonijiet tal-espert tekniku maghzul u inkarigat minnhom ma kellhomx jigu kkontestati minn ebda parti.

Illi ghalhekk, u in vista ta' dan, it-Tribunal ser jistrieh fuq il-konkluzzjonijiet tal-espert fil-materja, liema espert, u cioe Vincent Magri, fir-rapport tieghu kkonkluda illi x-xoghol tal-attur inhadem skond is-sengha u l-arti, izda certi difetti kienu zviluppaw fl-istess xoghol u ghalhekk skond hu dawn id-difetti kellhom jigu rrangati minn min hadem ix-xoghol.

Illi gjaladarba l-espert Vincent Magri kkonkluda li x-xoghol tal-attur sar skond is-sengha w l-arti, dan iwassal sabiex it-Tribunal jichad wkoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

Illi permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu, l-konvenut ecepixxa illi t-talba tal-attur ghall-hlas ta' Lm295 rapprezentanti prezz u VAT ta' *solid oak arch*, m'ghandhiex tintlaqa' mit-Tribunal stante illi din is-somma hija diga' inkluza fost affarijiet ohra fil-fatturi esebiti ma l-avviz u kwindi kieku kellha tintlaqa l-imsemmija talba, l-attur ikun qed jithallas darbtejn ghall-istess xoghol.

Illi f'dan ir-rigward, it-Tribunal josserva li l-partijiet mhumiex qedin jaqblu dwar jekk kienx hemm ftehim jew le illi z-zewg '*solid oak arches'* kienux gja inkluzi fl-ewwel stima ta' Lm2832. L-attur xehed li dan il-prezz kien

jinkludi biss il-bibien li ordna l-konvenut u '*solid oak arch'* li kien ser izid minghajr hlas. Minn-naha tieghu, l-konvenut xehed li dan il-prezz kien jinkludi kemm il-prezz tal-bibien u ta' '*solid oak arch'*, u li l-attur kien zied '*solid oak arch'* iehor bla hlas f'din l-istima. Ghalhekk skond il-konvenut l-ammont ta' Lm295 li qed jitlob l-attur huwa zejjed ghaliex dan l-ammont kien diga inkluz fl-ammont ta' Lm2832.

Illi wara li ezamina d-dokumenti esebiti, t-Tribunal jidhirlu illi hemm konfuzjoni shiha dwar ezattament x'kellu jinkludi l-prezz ta' Lm2832. Fid-dokument 'A' esebit mill-attur ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' dak li qed jigi ordnat ezattament. Tidher biss stampa ta' bieb, izda ma hemm l-ebda indikazzjoni tan-numru ta' bibien ordnati. Hemm imnizzel biss bil-kitba li hemm '*one solid oak arch free'*. Minn-naha l-ohra, fuq id-dokument 'EFX', mahrug ukoll mill-attur, jidher li l-istess prezz ta' Lm2400 (minghajr VAT) jinkludi tmien (8) bibien, u li l-attur kien ser jaghmel *solid oak door* iehor minghajr hlas – (u mhux *'solid oak arch'*). Hemm ukoll imnizzel il-prezz ta' Lm250 ghal *'solid oak arch'*.

Illi t-Tribunal jirrileva li huwa kompitu ta' min jallega, li jipprova dak li qieghed jallega. F'dan il-kaz pero, l-attur assolutament ma rnexxilux jipprova ghas-sodisfazzjoni ta' dan it-Tribunal, illi l-prezz tas-*solid oak arch* ma kienx inkluz fl-ewwel stima ta' Lm2832. Anzi jidher illi t-tezi tal-konvenut hija dik li ghandha tigi emnuta, fis-sens illi l-prezz ta' din is-*solid oak arch* kienet gja inkluza fl-ewwel prezz, kif jidher mid-dokument EFX, u ghalhekk l-attur ma jistax jerga jitlob il-hlas ta' dan l-ammont, ghaliex ikun ifisser illi ser jithallas darbtejn ta' l-istess haga.

Illi ghalhekk din l-ahhar eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha, fis-sens illi l-konvenut m'ghandux jigi kkundannat li jerga jhallas l-ammont ta' Lm295.

Illi fl-ahharnett, fir-rigward tal-kontro talba tal-konvenut Frendo, t-Tribunal josserva fl-ewwel lok, illi l-attur Abela ma pprezenta l-ebda eccezzjonijiet ghal din il-kontro talba.

Fit-tieni lok, permezz ta' din il-kontro talba tieghu, l-konvenut Frendo qed jitlob l-ammont ta' Lm950 minghand l-attur ghad-danni sofferti minnu minhabba n-nuqqasijiet u difetti fix-xoghol ezegwit mill-istess attur.

F'dan ir-rigward, it-Tribunal jerga' jaghmel referenza ghar-rapport tal-espert Vincent Magri, fuq imsemmi, u ghall-fatt illi l-istess espert ikkonkluda li sabiex isiru t-tiswijiet mehtiega, hemm bzonn spiza ta' elf Ewro (€1000). Ghalhekk it-Tribunal ser jistrieh fuq il-konkluzzjonijiet tal-espert Magri, u b'hekk jilqa' t-talba tal-konvenut limitatament ghall-ammont li wasal ghalih is-Sur Magri.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut. Fit-tieni lok, jilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenut u b'hekk jilqa' t-talba attrici limitatament fis-sens illi jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mitejn u sitta u tletin Ewro u disghin centezmu (€1236.90), ekwivalenti ghal Lm531.00, bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.

Jilqa' wkoll il-kontro talba tal-konvenut limitatament fl-ammont ta' elf Ewro (€1000), u b'hekk jikkundanna l-attur Abela, jhallas lill-konvenut Frendo l-ammont ta' elf Ewro €1000), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssoportati kwantu ghal nofs kull wiehed.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------